A.L. 155 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier tax-Xjenza — B.Sc.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-B.Sc. u jgħoddu biss għall-korsijiet li bdew fl-1987 u fl-1988.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' BAĊILLIER TAX-XJENZA — B.Sc.

(Applikabbli biss għall-korsijiet mibdija fl-1987 u fl-1988)

1. **Eliġibilità għall-Grad**

1.1 Biex ikun jista' jingħata l-Grad ta' Baċillier tax-Xjenza (B.Sc.) kandidat irid:

(a) ikun irreġistrat bħala student matrikulat skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors skond ir-Regolament 2 hawn isfel;

(ċ) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa kull rekwiżit ieħor kif imniżżel f'dawn ir-Regolamenti;

(d) jissodisfa kull rekwiżit ieħor imniżżel fi Statuti u Regolamenti relevanti oħra ta' l-Università.

2. **Rekwiżiti Speċjali tal-Kors**

2.1 Biex japplika għad-dħul fil-kors li jwassal għall-grad ta' Bacillier tax-Xjenza, minbarra li jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul bħala student regulari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università, kandidat irid jissodisfa dawn ir-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors:

ċertifikati fil-Livell Avanzat (li tnejn minnhom iridu jkunu fil-Grad Ċ jew aħjar u l-ieħor fil-Grad D jew aħjar) f'suġġetti xierqa kif inhuma approvati mill-Bord tal-Fakultà, fl-Eżami tal-Matrikola ta' l-Università, jew f'livelli korrispondenti ta' eżamijiet oħrajn magħrufa mis-Senat għall-għanijiet tar-Regolamenti għad-Dħul:

Iżda kandidat li hu gradwat ta' università, jew għandu kwalifiki oħrajn meqjusin suffiċjenti, jista' jkun eżentat mill-Bord tad-Dħul, bil-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, minn dawn ir-Rekwiżiti Speċjali kollha tal-Kors jew minn parti minnhom.

3. **Il-Kors ta' l-Istudji**

3.1 Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad tal-B.Sc. hu mifrux fuq iż-żmien ta' sitt semestri maqsumin f'żewġ semestri għall-Ewwel Parti u erba' semestri għat-Tieni Parti.

3.2 Il-kors ta' l-istudji jkun magħmul minn għadd ta' moduli f'kull semestru. Numru speċifiku ta' kredti jingħata lil kull modulu mitmum b'suċċess.

3.3 Il-kredti jingħataw biss għal moduli li jintemmu b'suċċess.

3.4 Fl-Ewwel Parti l-moduli jingħażlu minn dawn l-oqsma ta' studju: Bijoloġija, Kimika, Studji tal-Kompjuter, Matematika, Fiżika u kull suġġett xieraq ieħor kif approvat mill-Bord tal-Fakultà.

3.5 Fit-Tieni Parti l-kandidati jridu jagħżlu żewġ oqsma tas-suġġett prinċipali mill-Bijoloġija, il-Kimika, l-Istudji tal-Kompjuter, il-Matematika, il-Fiżika u kull suġġett xieraq ieħor kif approvat mill-Bord tal-Fakultà. Barra minn dan jeħtieġlu jagħmel Elettiv.

3.6 L-għażla ta' l-oqsma tas-suġġett prinċipali trid taqbel mal-pjan tal-kurrikulu tal-programmi ta' l-istudji varji offruti mill-Fakultà.

3.7 L-għażla ta' l-Elettiv trid taqbel ma' l-oqsma tas-suġġett prinċipali magħżulin fit-Tieni Parti.

3.8 L-Elettiv jista' jkun magħmul minn lezzjonijiet magħżula, xogħol fil-laboratorju u/jew xogħol prattiku, seminari, proġett, kif approvat mill-Bord tal-Fakultà.

3.9 Uħud mill-moduli (l-Ewwel u t-Tieni Parti) ta' qasam ta' studju jistgħu jingħataw bħala obbligatorji lil studenti li jagħżlu qasam ta' studju partikulari bħala qasam prinċipali.

3.10 Katalgu ta' moduli, li jindika l-għadd tal-kredti mogħtija lil kull wieħed u kull prerekwiżit, kif ukoll pjan tal-kurrikulu tal-programmi ta' l-istudji varji offruti mill-Fakultà, jkun ippubblikat qabel ma jibda kors ġdid tal-B.Sc.

4. **Valutazzjoni**

4.1 Valutazzjoni ta' kull modulu/elettiv issir skond kriterji magħmula mill-Bord tal-Fakultà u ssir b'wieħed minn dawn jew b'ġabra flimkien tagħhom: xogħol prattiku, komponimenti mogħtija, xogħol fil-laboratorju, proġett, test jew eżami orali/bil-miktub, jew kull metodu ieħor mitlub min-natura tal-modulu.

4.2 Testijiet ta' valutazzjoni normalment isiru fi tmiem semestru. Sessjoni ta' eżami ssir fi tmiem l-aħħar sena.

Nota: Kredtu wieħed jinkiseb għal modulu mitmum b'suċċess li jinvolvi madwar 14-il siegħa ta' lezzjonijiet. (Għal dan il-għan tliet sigħat ta' xogħol prattiku jitqiesu normalment bħala ekwivalenti ta' lezzjoni ta' siegħa).

4.3 Kandidat jitħalla jgħaddi għat-Tieni Parti tal-kors jekk:

(a) jikseb il-kredti kollha mogħtija lis-sessjonijiet prattiċi;

(b) jikseb minimu ta' 20 kredtu li ma jinkludux lil dawk li hemm riferiment għalihom f'4.3 (a) u li jaqblu mar-rekwiżiti 4.4 u 4.5.

4.4 Kandidat jitħalla jieħu l-Matematika jew l-Istudji tal-Kompjuter bħala qasam ta' suġġett prinċipali fit-Tieni Parti jekk ikun kiseb għallinqas tmien kredti fis-suġġett rispettiv.

4.5 Kandidat jitħalla jieħu suġġett tax-xjenza bħala qasam ta' suġġett prinċipali fit-Tieni Parti jekk ikun kiseb għallinqas ħames kredti fis-suġġett.

4.6 Kandidat li jikseb minimu ta' 16-il kredtu fil-każ tas-rekwiżit 4.3(b) jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà li jgħaddi għat-Tieni Parti jekk jikseb għallinqas seba' kredti fil-każ tar-rekwiżit 4.4 u għallinqas erba' kredti fil-każ tar-rekwiżit 4.5 skond kif ikun igħodd, u jiġi riferit fil-moduli li jkun fadal u jrid jikseb il-kredti li jkun fadal matul it-Tieni Parti kif ikun indikat lilu mill-Bord tal-Fakultà.

4.7 Kredti li huma miksuba fuq il-bażi ta' 4.6 jkollhom il-marka minima ta' min igħaddi għall-għan tal-klassifika finali.

4.8 Kandidati li ma jikkwalifikawx biex igħaddu għat-Tieni Parti skond it-taqsimiet 4.3 sa 4.7 jistgħu jitħallew jirrepetu l-Ewwel Parti.

4.9 Kandidat jitqies li temm b'suċċess it-Tieni Parti jekk jikseb:

(a) il-kredti kollha mogħtija lix-xogħol prattiku tat-Tieni Parti;

(b) il-kredti kollha mogħtija lill-Elettiv;

(ċ) minimu ta' 15-il kredtu tat-Tieni Parti f'qasam tas-suġġett prinċipali jekk is-suġġett ikun il-Matematika jew l-Istudji tal-Komputer; u

(d) minimu ta' 13-il kredtu tat-Tieni Parti f'qasam tas-suġġett prinċipali jekk is-suġġett ikun suġġett tas-xjenza.

4.10 Kandidat li ma jissodisfax ir-rekwiżiti 4.9(a) u/jew 4.9(b) jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultá li jikseb dawn ir-rekwiżiti kif ikun indikat lilu mill-Bord tal-Fakultà.

4.11 Kandidat li jikseb minimu ta' 12-il kredtu fil-każ tar-rekwiżit 4.9(ċ), jew jikseb minimu ta' 10 kredti fil-każ tar-rekwiżit 4.9(d), skond kif ikun igħodd, jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà li jikseb il-kredti li jkun fadal biex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti fi żmien speċifikat mill-Bord tal-Fakultà.

4.12 Kredti li huma miksuba fuq il-bażi ta' 4.10 jew 4.11 ikollhom il-marka minima ta' min għadda għall-għan tal-klassifika finali.

4.13 Għall-għan tal-klassifika finali, il-kredti kollha miksuba fl-Ewwel Parti u fit-Tieni Parti tal-kors ikunu kkunsidrati; il-kredti kollha jiswew indaqs.

4.14 Kandidat jikkwalifika biex jingħata l-grad tal-.B.Sc. jekk ikun temm b'suċċess kemm l-Ewwel Parti u kemm it-Tieni Parti tal-kors, fi żmien massimu ta' ħames snin akkademiċi mir-reġistrazzjoni tal-bidu.

4.15 L-ismijiet tal-kandidati li jkunu kkwalifikaw biex jingħataw il-grad tal-B.Sc. jkunu pubblikati f'lista b'ordni alfabetiku f'kull waħda minn dawn il-kategoriji: I, II (Superjuri), II (Inferjuri), III skond il-mertu li l-Bord tal-Fakultà jqis li l-kandidat ikun kiseb fil-valutazzjonijiet globali matul il-kors.

5. **Applikazzjoni**

5.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu biss għall-korsijiet li bdew fl-1987 u fl-1988.

IL-GRAD TA' BAĊILLIER TAX-XJENZA

Propost għal korsijiet mibdija fl-1987 u 1988

Tabella I: Pjanijiet ta' kurrikulu li juri l-firxa tal-kredti għall-għażliet differenti.

L-EWWEL PARTI

KORS:	Xjenza Għażla 1	Xjenza Għażla 2	Matematika u Xjenza		Matematika Kompjut.	Kompjut. u Xjenza	
Suġġ. Prinċipali:	Bi/Ki	Ki/Fi	Ma/Ki~Fi		Ma/SK	SK/Ki~Fi	
Kodiċi BS:	BS123	BS234	425	435	BS450	523	534
Bijoloġija	6						
Kimika	6	6	6			6	
Fiżika	6	6		6		6	6
Matematika	2	5	10	10	10	3	10
Kompjutar	1	4	6	6	10	10	10
Oħrajn	3	3	3	3	3		
Prattiku	3	2	1	1		2	1
Total:	27	26	26	26	23	27	27

IT-TIENI PARTI

IL-KORS:	Xjenza Għażla 1	Xjenza Għażla 2	Matematika u Xjenza		Matematika Kompjut.	Kompjut. u Xjenza	
Suġġ. Prinċipali:	Bi/Ki	Ki/Fi	Ma/Ki~Fi		Ma/SK	SK/Ki~Fi	
Kodiċi BS:	BS123	BS234	425	435	BS450	523	534
Bijoloġija	15						
Kimika	15	15	15			15	
Fiżika		15		15			15
Matematika			18	18	18		
Kompjutar					18	18	18
Stud. Lib.	2	2	2	2	2	2	2
Prattiku	8	8	4	4		4	4
Elett./Proġ	6	6	6	6	6	6	6
Total	46	46	45	45	44	45	45
Total tal-Kors:	73	72	71	71	67	72	72

NOTA

Il-kodiċi tal-kors BSxyz fejn x,y,z huma tliet numri minn 1, 2, 3, 4, 5 li jirrapreżentaw il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Fiżika, il-Matematika, l-Istudji tal-Kompjuter rispettivament u b'mod li:

x.y jimplikaw iż-żewġ Suġġetti Prinċipali tat-Tieni Parti;

z hi identifikatur li normalment jirrappreżenta t-tielet suġġett l-aktar importanti meħud fl-Ewwel Parti, basta ma jkunx hemm ambigwità.